MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 245/2004/2

**Francis Xuereb f' ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` F. X. (Garage) Company Limited**

**vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Jannar, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat ir-rikors promotur datat il-5 ta' Mejju tas-sena 2004 li permezz tieghu ir-rikorrent proprio et nomine sejjah lill-intimat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex ghar-ragunijiet hemm premessi m'ghandux wara li :-

1. tappunta r-rikors promotur, fi zmien ragonevoli ghat-tahrik tax-xhieda;

2. tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tat-3 ta' Mejju, tas-sena 2004;

3. taghti kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun;

Rat ir-risposta tal-intimat datata id-29 ta' April, tas-sena 2004 li permezz taghha sostna s-segwenti:-

1. Illi preliminarjament trid tingieb prova adekwata tal-valur tal-vann bin-numru ta' registrazzjoni FXG – 123 fil-mument tal-qbid tieghu, minhabba l-kompetenza tal-Qorti;

2. Illi fil-mertu ta' dan il-vann kien qed jintuza biex jingarru sigaretti li ma kienux thallsu fuqhom taxxi tal-importazzjoni, li kienu jammontaw ghal aktar minn ghaxart elef Liri Maltin (LM10.000,0) u ghalhekk din il-vettura hija suggetta ghal konfiska ghal termini tal-ligijiet doganali u b'mod partikolari l-artikolu 68 tal-Ordinanza tad-Dwana Kapitolu 37;

3. Illi ghaldaqstant l-esponenti jopponu t-talbiet kif dedotti, u jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontrieh;

4. Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumentui esebiti;

Rat id-digriet taghha datat il-31 ta' Mejju, tas-sena 2004 li permezz tieghu aderiet ghat-talba tar-rikorrent hemm indikata;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata l-20 ta' Ottubru tas-sena 2004, li permezz taghha irremettiet l-atti tal-kawza lil din il-qorti ghall-kontinwazzjoni;

Semghet ix-xhieda ulterjuri prodotta;

Ezaminat in-noti elaborati tar-rapprezentanti legali tal-partijiet, rispettivament datati t-22 ta' Novembru tas-sena 2004 u l-20 ta' Dicembru tal-istess sena;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi r-rikorrent pro et nomine qed jitlob li jirriprendi l-pussess tal-vann bin-numru ta' registrazzjoni FXG – 123 stante li da hu proprjeta' tieghu;

2. Illi fl-attivita' kummercjali tieghu ir-rikorrent kera l-imsemmi vann lil terzi;

3. Illi meta l-imsemmi vann kien f'idejn dawn it-terzi gie skopert mill-pulizija mghobbi bi kwantita' ta' kaxex tas-sigaretti tal-marka Marlboro li dazju fuqhom ma kienx gie mhallas;

4. Illi r-rikorrent jirrizulta li hu estraneu ghall-akkadut;

5. Illi l-valur tal-vann de quo ma jirrizultax li jezorbita l-kompetenza ta' din il-qorti;

Ikkunsidrat;

Illi preliminarjament ghandha tigi zgumbrata l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat, senjatament dik rigwardanti l-valur tal-vann meritu ta' din il-procedura;

Illi l-istess sid jistqarr li dan hu valutat fl-ammont ta' erbat elef u disa' mitt Lira Maltin, (LM4,900.00,0), (ara fol 36);

Illi f'dan l-ammont bl-ebda mod ma gie kontradett mill-intimat u ghalhekk qed tirrespingi din l-eccezzjoni preliminari, bl-ispejjez kontra l-intimat;

Ikkunsidrat;

Illi fil-meritu ghandu jinghad li l-vann de quo inqabad skond il-ligi mill-intimat stante li kien il-mezz ewlieni li fih kien qieghed jigi ipperpetrat reat;

Illi ghalhekk, ghalkemm jezistu rimedji ohra lir-rikorrent biex jittutela d-drittijiet tieghu dak minnu utilizzat f'din il-procedura mhux idoneu stante li hu dritt u dover tal-intimat li jagixxi bil-metodu li qed jagixxi u jzomm il-vann de quo taht sekwestru gudizzjarju sakemm il-kwistjoni kollha tigi definittivament deciza minn qrati ohra kompetenti;

Ghaldaqstant, filwaqt li takkolji l-eccezzjoni fil-meritu tal-intimat, tichad it-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjez."

Minn din is-sentenza appella r-rikorrenti *proprio et nomine* bl-aggravji f' dawn it-termini:-

(1) Id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti ma ttiehdetx fuq ir-rikors promotur. Huwa donna jissottometti illi l-ewwel Qorti ikkonfondiet ir-rikors promoss minnu fis-6 ta' April 2004 ma' dak l-iehor tieghu tal-5 ta' Mejju 2004;

(2) L-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni erronea tal-ligi. Dan, skond l-appellanti, fuq zewg livelli. Il-Qorti ddikjarat li l-procedura istitwita minnu ma kienetx dik idonea. Invece, huwa jikkontendi li l-procedura adoperata segwiet id-dispost ta' l-Artikolu 72 (2) tal-Kapitolu 37. Fit-tieni lok l-ewwel Qorti ma interpretatx kif jixraq id-dispost ta' l-Artikolu 68 specifikat fis-"Seizure Note" u ghalhekk naqset milli titratta l-element essenzjali tax-xjenza li, skond l-appellanti, kellha tigi provata mill-intimat;

In succint, il-Kontrollur appellat wiegeb ghal dawn l-aggravji bil-mod segwenti:-

(1) Ir-referenza ghar-rikors tal-5 ta' Mejju 2004 kien merament *lapsus calami*;

(2) L-ewwel Qorti cahdet it-talbiet mhux ghar-raguni illi r-rikorrenti adotta l-procedura l-hazina. Meta l-Qorti semmiet rimedji ohra kienet qed tintendi li sid il-vettura kellu rimedju kontra l-persuna li uzatha b' mod illegali;

(3) L-Artikolu 68 jipprovdi li l-mezzi tal-garr li jintuzaw ghat-trasport ta' oggetti sdazjati ghandhom ikunu konfiskati. L-interpretazzjoni moghtija mill-appellanti lill-kelma "xjentement" fit-test tal-ligi hi zvijanti u zbaljata. Din hi marbuta ma' l-uzu tal-vettura u ghalhekk hu rrilevanti jekk sidha kienx jaf kif kienet qed tintuza l-vettura. Kien jinkombi fuq l-appellanti li jgib prova li turi n-nuqqas ta' xjenza fis-sewwieq u, ukoll, li jiddemostra li l-Kontrollur agixxa hazin u bi ksur tal-ligi;

Il-Kontrollur appellat ipprevalixxa ruhu mill-appell principali biex iressaq appell incidentali kontra d-digriet ta' l-ewwel Qorti tal-25 ta' Mejju 2004 li bih cahdet it-talba tieghu ghas-soprassessjoni tal-kawza sakemm jigu definiti l-proceduri kriminali fil-konfront ta' Francis Formosa. Huwa xieraq li qabel kollox din il-Qorti tghaddi biex tezamina dan il-gravam tal-Kontrollur appellat;

L-APPELL INCIDENTALI

In linea generali, huwa pacifiku illi l-provvediment tas-soprassessjoni huwa ndikat ghal dawk il-kazijiet meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta' xi punt li minnu tiddependi necessarjament il-kontinwazzjoni tal-kawza li tigi soprasseduta sa din is-soluzzjoni (Ara **Kollez. Vol. XLVI P II p 591**). Tali provvediment ordinatorju huwa rimess ghad-diskrezzjoni tal-gudikant skond ic-cirkostanzi specjali tal-kaz (**Kollez. Vol. XXXII P II p 197**);

Dan premess, m' ghandux jintnesa lanqas il-principju sancit fl-Artikolu 6 tal-Kodici Kriminali illi l-gudizzju civili huwa indipendenti minn dak kriminali. Dan anke jekk, kif jinsenja l-**Laurent**, "*il giudice civile puo` al bisogno attingere gli elementi delle sua canonizzazione alle prove raccolte in procedimento penale*" (**Kollez. Vol. XXV P I p 689**). Dan ifisser illi jekk in linea ta' massima mill-indipendenza ta' l-ezercizzju taz-zewg azzjonijiet tidderiva l-konsegwenza illi l-provi ta' l-azzjoni civili ghandhom isiru *ex integro* quddiem il-Qorti Civili kompetenti, u dawk ta' l-azzjoni kriminali, ukoll *ex integro* quddiem il-Qorti Kriminali (**Kollez. Vol. XXXIV P II p 480**), b' danakollu xejn ma josta illi jsir konfront bejn dawk il-provi ghall-fini ta' l-attendibilita` taghhom u ta' l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja (**Kollez. Vol. XXXIX P II p 768**). Hekk, per ezempju, fejn il-konvenut ikun issokkomba fil-gudizzju kriminali ghax kien ammetta l-imputazzjoni, dik l-ammissjoni tista', f' kawza civili ghad-danni, tikkostitwixxi konfessjoni (**Kollez. Vol. XLI P I p 744**). Mhux prekluz ghalhekk illi f' gudizzju civili tigi esebita sentenza moghtija in sede kriminali. Ara **Kollez. Vol. XLII P II p 868**;

Issa l-Kontrollur appellat qed jinsisti f' din is-sede illi dik is-soprassessjoni kienet spedjenti biex jigi evitat konflitt fl-ezitu taz-zewg proceduri. Din il-Qorti tifhem il-hsieb wara dan l-argoment in kwantu jekk il-proceduri penali jordnaw il-konfiska tal-vettura u din allura tghaddi mill-poter tal-Kontrollur fil-kontroll ta' l-Awtorita` kompetenti, ir-rikorrenti ma jkun jibqalu ebda interess guridiku li jagixxa *qua* proprjetarju tal-vettura. Dan fuq l-istregwa ta' dak dettat fis-sentenzi "**L-Avukat Dottor Leo Bencini *nomine* -vs- Il-Kontrollur tad-Dwana**", Qorti Civili, Prim' Awla, per Imhallef J. Said Pullicino, 15 ta' Dicembru 1992 u "**Michael Bharwani -vs- Kontrollur tad-Dwana**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000;

Fil-hsieb tal-Qorti, anke jekk il-punt involut hu akkademikament interessanti, jibqa' l-fatt illi s-sentenza appellata, fil-prattika, ma kkrejat u ma gabet ebda konflitt. Konsegwentement, din il-Qorti, *ex post facto* s-sentenza

fil-meritu, ma tarax in-necessita` u l-importanza li l-appellat ikompli jinsisti ghall-otteniment tar-revoka tad-digriet profferit mill-ewwel Qorti relattiv ghas-soprassessjoni. Dippju, anke jekk forsi ferm aktar espedjenti mill-punto di vista tal-Kontrollur, il-prosegwiment tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti ma kienx strettament u guridikament jiddependi mid-depurazzjoni u soluzzjoni tal-kwestjoni fil-gudizzju penali. Fl-istat ta' l-atti processwali, u tal-konsiderazzjonijiet guridici fuq esposti, is-soprassessjoni ma jidherx li kienet hekk konsentita. L-appell incidentali qieghed ghalhekk jigi respint;

<u>L-APPELL PRINCIPALI</u>

Jibda biex jigi senjalat dwar l-ewwel aggravju illi din il-Qorti ma tarax dik is-serjeta` fih li jimmerita konsiderazzjoni elaborata. Huwa bil-wisq evidenti illi d-data tal-5 ta' Mejju 2004 riferenzjata fis-sentenza hi wahda zbaljata in kwantu proprjament ir-rikors li kellu jkun ezaminat kien dak tas-6 ta' April 2004 li permezz tieghu r-rikorrenti talab ir-rilaxx tal-vettura u l-kundanna ta' l-intimat ghal dan ir-rilaxx. Fil-verita r-risposta ta' l-intimat kif riportata fis-sentenza tirreferi proprju ghal dawn it-talbiet u mhux ukoll ghal dawk tar-rikors tal-5 ta' Mejju 2004. L-importanti hu li kemm il-parti razzjonali kif ukoll il-parti decizorja tas-sentenza jirreferu in essenza ghat-talbiet dedotti in meritu tar-rikors tas-6 ta' April 2004;

Ragonevolment ukoll, riferibilment ghall-ewwel parti tat-tieni aggravju, l-inidoneita` tal-procedura li ssemmi s-sentenza ma ghandhiex tinftiehem bhala li l-istanza promossa mir-rikorrenti mhix konformi mal-vot tal-ligi u x-xorta ta' procediment kif dettat mill-Artikolu 72 (2). Effettivament, mir-rabta tal-kliem li jsegwu, u cjoe li l-intimat kellu dritt u dover li jagixxi ghal prelevament tal-vettura, huwa bil-wisq sintomatiku illi dak li kellha in mente l-ewwel Qorti jista' jigi interpretat illi f' dak l-istadju, ghallanqas, una volta li l-gudizzju penali kien ghadu mhux definit, il-procedura setghet kienet intempestiva. Jista' jkun ukoll li r-rikorrenti ma gabx prova konvincenti biex

jissodisfa t-talbiet tieghu. Hekk ukoll jista' jaghti l-kaz illi, kif suggerit mill-intimat fir-risposta ta' l-appell tieghu, gjaladarba huwa agixxa fil-parametri tal-ligi meta ppreleva l-vettura, ir-rikorrenti kellu ghall-harsien tad-drittijiet tieghu rimedji di fronte ghal min ipperpetra r-reat. Indipendentement pero` minn dawn il-possibilitajiet interpretattivi jibqa' l-fatt illi dik il-Qorti ma kienetx certament qed tikkonsidra illi r-rikorrenti, kif sostenut minnu, adopera procedura li ma kienetx lineari mad-dispost ta' l-Artikolu 72 (2) tal-Kapitolu 37. Dan l-aggravju fuq dan il-punt ma jistax jigi akkolt;

Kwantu ghat-tieni parti ta' l-istess aggravju, jibda biex jigi osservat illi x-xjenza o meno tar-rikorrenti, sid il-vettura, ma ticcentrax fil-materja. Ghal fini ta' l-Artikolu 68 dak li jitqies l-aktar centrali hu l-fatt li l-vettura ntuzat biex jigi mwettaq reat kontra l-ordinanza Doganali u li, in kwantu tali, kien assoggetta l-istess vettura ghal konfiska. Anke jekk il-fatti huma diversi, l-osservazzjoni *in calce* tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-27 ta' Frar 2003 in re: "**Cara Ltd -vs- Kontrollur tad-Dwana**" tibqa' wahda valevoli. A propozitu jinghad fiha illi "l-proceduri ta' konfiska huma proceduri *in rem*. Gjaladarba l-merkanzija dahlet Malta kontra l-Ordinanza tad-Dwana l-intimat kellu s-setgha li jikkonfiskaha";

Dan apparti, hemm aspetti ohra x' jigu kkonsidrati. L-azzjoni esperita mir-rikorrenti hi tendenti ghar-ri-akkwist u rivendikazzjoni tal-proprjeta` tal-vettura. In tema ghall-Artikolu 68 jinkombi fuqu li jgib prova li l-utent tal-vettura ma agixxiex "xjentement". Skond principji tradizzjonali, fil-kamp civili, l-*onus probandi* jagrava dejjem fuq l-attur jew f' dan il-kaz, ir-rikorrenti, ghaliex l-affermazzjoni qed jaghmilha hu, u l-intimat ma ghandux ghalfejn jaghmel il-prova negattiva. L-intimat jibqa' assistit mir-regola procedurali sancita fl-Artikolu 562, Kapitolu 12 li tistabilixxi illi "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah". Dan ifisser illi huwa r-rikorrenti li jibqa' mghobbi li joffri prova adegwata u allura c-certezza tal-fatt allegat. Xejn allura ma jiswa r-riljiev sottomess mill-appellanti tal-

falliment tal-provi dedotti mill-intimat in dimostrazzjoni ta' l-infondatezza tal-pretensjoni tieghu. Dan anke ghaliex huwa konformi ghall-principju regolanti l-piz tal-prova, u allura wkoll ta' l-esigenza logika, illi l-addossar ta' dan l-istess piz jaqa' fuq min jallega fatt favorevoli ghalih. Jaggrava ghalhekk bi dmir fuqu li jaghti prova ta' l-ezistenza ta' dak il-fatt. Fil-kaz in ezami r-rikorrenti ma rnexxielux jiddemostra, ghas-sostenn tat-talba tieghu ta' rivendika, illi min ghamel uzu bil-vettura tieghu ghat-trasport ta' oggetti sdazjali ma kellux tabilhaqq dik ix-xjenza li jsemmi l-Artikolu 68, u li jista' jitqies bhala sostratt baziku taghha. "Xjenza" din li, inversament, fil-proceduri kriminali kontra l-utent tal-vettura, jispetta lil prosekuzzjoni li tipprova u ssostni . Dan ghaliex, kif saput, id-dixxiplina tal-piz tal-prova hi regolata differentement fil-kamp penali. Il-mankanza tar-rikorrenti li jgib 'il quddiem u jsostni l-fatt principali allegat igib, b' konsegwenza, illi lanqas ma jinsab sostenut illi l-intimat agixxa abuzivament jew mhux konformement mad-dettam u l-ispirtu tal-ligi fl-Ordinanza citata (Kapitolu 37). Lanqas allura ma jista' jitqies konkludentement sorrett dan l-aggravju tar-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad kemm l-appell principali kif ukoll dak incidentali. B' hekk tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez jitbatew, kwantu ghall-appell principali mir-rikorrenti u kwantu ghall-appell incidentali mill-Kontrollur appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------